**9 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**

Frans Sammut

*versus*

Paul Caruana

***Res Judicata* - Reintegrazzjoni *Ab Omissa Decisione***

*Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kkundannat il-konvenut għar-*

*responsabbilità iżda ma llikwidatx id-danni. Ġie intavolat avviż gdid fejn intalbet il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna ħlas tad-danni. Ingħata l-eċċezzjoni ta'* res judicata *u l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li ċaħdet l-eċċezzjoni.*

*L-eċċezzjoni tar-*res judicata *ma tistax tiġi bbażata fuq is-silenzju tal-ġudikat fuq talba partikolari minkejja li dik it-talba saret lill-Qorti u fil-każ ta' dubbju dwar jekk talba ġietx deċiża jew le, l-eċċezzjoni tar-*res judicata *għandha tiġi miċħuda.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija fit-30 ta' Ġunju, 1995 u fil-31 ta' Mejju, 1996;

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell kif sewwa elenkati mill-appellant huma fil-qosor is-segwenti:

"Permezz ta' avviż preċedenti ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attur appellat talab li l-esponenti jiġi kkundannat iħallas is-somma li tiġi hekk illikwidata in linea ta' danni mill-konvenut ikkaġunati fl-inċident ta' l-10 ta' Marzu 1992, fi Triq l-Isqof Caruana, Ħaż Żebbuġ konsistenti fi ħsara fil-karozza numru ta' reġistrazzjoni E-1560, il-faċċata tad-dar ta' l-attur u xi qsari;

B'sentenza ddatata 7 ta' April, 1994 din il-Qorti, diversament ippresjeduta, iddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Għalhekk il-Qorti ddeċidiet il-kawża u lqgħet l-unika talba ta' l-attur u jikkonkorru l-elementi kollha tar-*res judicata*;

L-attur appellat ippreżenta avviż ieħor biex jiġu llikwidati d-danni sofferti mill-attur;

L-appellant li jissottometti li dan ma jistax isir għax il-kawża hija *res judicata* bejn il-partijiet;

B'sentenza ddatata 30 ta' Ġunju, 1995 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet il-kawża in parte billi: "Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tar-*res judicata* ssollevata mill-konvenut u tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni għas-seduta tas-26 ta' Ottubru, 1995. Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali";

B'sentenza ddatata 31 ta' Mejju, 1996, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet il-kawża billi: "Għaldaqstant tilqa' t-talba ta' l-attur. Tillikwida d-danni minnu sofferti fl-inċident eżaminat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-7 ta' April, 1994 fis-somma ta' Lm120, bl-imgħaxijiet legali b'effett mis-7 ta' April, 1994 u tikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont hekk likwidat lill-attur. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

L-aggravju ta' l-appellant hu wieħed ibbażat fuq punt ta' dritt. Isostni illi s-sentenza tas-7 ta' April, 1994 kienet tikkostitwixxi *res judicata* bejn il-kontendenti in kwantu ddeċidiet it-talba ta' l-attur. Isostni, li dik it-talba unika fl-avviż kienet ġiet finalment deċiża u kienet "għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas lill-attur is-somma li tiġi hekk illikwidata bl-inċident ta' l-10 ta' Marzu, 1993 fi Triq l-Isqof Caruana, Ħaż Żebbuġ, konsistenti fil-ħsara fil-karozza numru ta' reġistrazzjoni E-1560, il-faċċata tad-dar tiegħu (ta' l-attur) u xi qsari". Il-fatt li fis-sentenza tas-7 ta' April, 1994 il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet din it-talba mingħajr ma llikwidat l-ammont tad-danni dovuti mill-konvenut ma seta' qatt jitqies kif issottometta l-appellat u kif aċċettata mill-Qorti tal-Maġistrati

fis-sentenza taghha ukoll appellata tat-30 ta' Ġunju, 1995 li kien jikkostitwixxi *omissa decisione* li setghet tiġi rrimedjata bil-preżenti stanza;

"Id-diċitura ta' l-artikolu 235 tal-Kap. 12 hija ċara ħafna u f'każ ta' *ab omissa decisione* tirriżulta biss fejn il-Qorti tħalli barra fid-deċiżjoni taghha waħda mit-talbiet. Fil-każ preżenti t-talba ta' l-attur ġiet deċiża u ghalhekk fil-każ odjern ma jista' qatt jinkwadra ruħu f'każ ta' *ab omissa decisione*";

Għall-kuntrarju l-appellant hu każ fejn ghandha tiġi milqugħa l-eċċezjoni tiegħu tar-*res judicata* in kwantu s-sentenza *tas-7 ta' April,* 1994 kienet diġà ddeċidiet il-kawża bejn l-istess persuni fuq l-istess oġġett u għall-istess kawżali bħal fil-kawża llum appellata. Jikkonkorru allura, skond l-appellant, it-tliet rekwiżiti għall-eżistenza tar-*res judicata* u ċjoè l-*eadem res*, l-*eadem personae* u l-*eadem causa pretendi* u *għalhekk it-talba avvanzata tirriżulta diġà determinata mis*-sentenza tas-7 ta' April, 1994 u hi allura insostenibbli;

Din il-kawża ġiet intavolata mill-attur għaliex sab ruħu fl-impossibilità li jesegwixxi s-sentenza tas-7 ta' April, 1994 li ma llikwidatx l-ammont ta' danni lilu dovuti mill-konvenut u li skond l-istess sentenza ġie kkundannat li jħallas. L-attur qiegħed allura jittanta rimedju lilu pprovdut bl-artikolu 235 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jiddisponi fuq kollox il-prinċipju li ma jingħatax appell *ab omissa decisione* meta l-Qorti ta' l-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti. Dan l-artikolu però jipprovdi li kull waħda mill-partijiet tista' f'kull żmien li jkun titlob quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, bil-mezz ta' ċitazzjoni d-deċiżjoni tat-talba li ma tkunx ġiet deċiża;

Hu allura espressament ipprovdut fil-liġi illi una volta l-

Qorti taghti s-sentenza tagħha hi tkun eżawrit il-funzjoni tagħha u ma tistax iżżid, tnaqqas jew tvarja dak li tkun iddeċidiet. Meta l-Qorti tkun ippronunzjat is-sentenza, il-funzjoni ġurisdizzjonali tagħha fuq dik il-kawża tkun spiċċat għax tkun ġiet eżawrita u ma jkunux jistgħu jsiru aġġunti f'dik is-sentenza wara li tkun inqrat. L-uniku rimedju li l-liġi tipprovdi hu permezz ta' talba b'ċitazzjoni għar-reintegrazzjoni tad-deċiżjoni minħabba ommissjoni tad-deċiżjoni. Hekk ġie deċiż fis-sentenza **Carmelo Sammut *vs* Calcedonio Abela** (Vol. LXI, p. II, p. 1019) fejn "il-Bord tal-Kera ma kien ta l-ebda ordni dwar il-kap ta' l-ispejjeż u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili allura akkordat ir-rimedju taħt dan il-*proviso* ta' l-artikolu 235;

"*Giusta l-articolo 261 del Codice di Procedura Civile* (illum l-artikolu 235) *si puo domandare in qualunque tempo innanzi la Corte di prima istanza per via di citazione la definizione della domanda proposta e non decisa ...*" (**Azzopardi *utinque*** - Qorti tal-Kummerċ ta' l-4 ta' April, 1971) (Vol. XIX, pt. I, p. 21; Vol. XX pt. I, p. 18; Vol. XXIV, pt. I, p. 814);

Li jrid jiġi deċiż fil-każ taħt eżami hu li jekk dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Maġistrati bis-sentenza tagħha tas-7 ta' April, 1994 setax jiġi kkunsidrat li jħalli talba li ma ġietx deċiża u għal-liema nuqqas ikun allura mogħti r-rimedju taħt l-artikolu 235;

L-artikolu 171 tal-Kap. 12 jipprovdi li fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-proċeduri jitmexxew bil-mod ta' ċitazzjoni "li ssir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher". Dan l-artikolu jipprovdi ukoll fis-subinċiż 2 illi l-kawża għandha tinstema' u titmexxa sommarjament skond l-artikolu 215. Dan l-

artikolu allura jeżenta lil min jaġixxi bl-avviż milli josserva l-formalitajiet statutorji li wieħed kien ikun obbligat li josserva meta jaġixxi permezz ta' ċitazzjoni quddiem il-Qrati Superjuri fosthom dik li t-talbiet kollha jkunu speċifikati u enumerati;

Issa hu risaput illi f'kull kawża għall-kundanna u ħlas ta' danni hemm involuti tliet talbiet distinti;

Dikjarazzjoni ta' responsabbilità tal-konvenut għall-*akkadut u għad-danni konsegwenzjali;*

Likwidazzjoni ta' dawn id-danni;

Kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' dawn id-danni lill-attur;

Dawn it-tliet talbiet jistgħu jiġu inkorporati f'talba unika u dan hu proprju dak li s-soltu jsir fil-każ ta' proċeduri permezz ta' avviż. F'dan ma hemm xejn irregolari. Hu anzi permess u mistenni fi proċeduri sommarji fejn l-avviż hu meqjus kważi bħala sempliċi *avvizo per comparire*. Bl-ebda mod però ma jista' dan il-fatt jitqies preġudizzjevoli għas-sottomissjoni li dik it-talba unika kienet in effetti u għal kull fini tal-liġi tikkontjeni tliet talbiet separati u distinti mmirati għall-istess finalità. Dik illi l-konvenut jiġi ddikjarat responsabbli għall-fatti li taw lok għad-danni subiti mill-attur, dik għal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni u dik għall-kundanna tal-konvenut li jħallas lill-attur l-ammont li hekk jiġi llikwidat;

Fl-avviż deċiż bis-sentenza tas-7 ta' April, 1994, l-attur talab;

*"li l-konvenut: (1) jiġi kkundannat iħallas is-somma; (2) li*

tiġi hekk illikwidata l-linea ta' danni u (3) mill-konvenut ikkaġonati fl-inċident ta' l-10 ta' Marzu, 1992 ...";

F'din id-diċitura ta' l-avviż (in-numri u s-sottolinear ġew miżjuda minn din il-Qorti għall-enfasi) huma faċilment identifikabbli t-tliet domandi ritwali distinti li għandhom isiru f'azzjoni ta' din ix-xorta anke jekk ġew it-tlieta inkorporati bi prosposizzjoni waħda. Ma hemm ebda dubbju allura li s-sentenza tas-7 ta' April, 1994 iddeċidiet biss iż-żewġ talbiet fir-rigward tar-reponsabbilità tal-konvenut għall-inċident u fir-rigward tal-kundanna ta' l-istess għall-ħlas tad-danni u naqset illi tiddeċidi t-talba dwar il-likwidazzjoni tad-danni pretiżi anke jekk f'dik il-kawża nġabu l-provi dwar l-ammont ta' danni u ġiet ittrattata anke din it-talba;

Stabbilit dan hu ċar illi għad hemm miftuħ għall-attur ir-rimedju ta' rettifika bil-proċedura prevista fl-artikolu 235 għaliex dak li ma ġie qatt deċiż mill-Qorti ma jistax ikun meqjus li jsir *res judicata*. Din l-eċċezzjoni kellha għalhekk tiġi miċħuda in kwantu meta l-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba attriċi kienet biss qed tilqa' t-talbiet dwar ir-responsabbilità u l-kundanna għall-ħlas tad-danni. Kienet allura għadha ma eżawrietx il-funzjoni ġudizzjarja tagħha kif determinata fil-parametri tat-talba lilha magħmula mill-attur. Hi kienet naqset li kif mitluba tillikwida l-ammont ta' danni li kellu jħallas il-konvenut lill-attur. Kif sewwa osserva l-appellat, l-eċċezzjoni tar-*res judicata* ma tistax tiġi bbażata fuq is-silenzju tal-ġudikant fuq talba partikolari minkejja li dik it-talba saret lill-Qorti u fil-każ ta' dubbju dwar jekk talba ġietx deċiża jew le, l-eċċezzjoni tar-*res judicata* għandha tiġi miċħuda (Vol. XXIX, pt. I, p. 1155, Vol. XLII, pt. I, p. 98). Fil-każ in eżami mhux iqajjem dubbju jekk ġietx jew le deċiża t-talba ta' l-attur appellat qed jitlob li tiġi b'dan il-preżenti avviż finalment determinata. Dan hu manifest u l-iżvista ta' l-Ewwel Qorti hi ovvja. Qed jittanta jqajjem dubbju dwar l-istess eżistenza ta' din

it-talba li però l-Ewwel Qorti ġustament sabet li kienet validament inkorporata u espressa fl-avviż promotur deċiż bis-sentenza tas-7 ta' April, 1994;

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet jitlef kull konsistenza l-aħħar aggravju ta' l-appellant illi fl-avviż tal-lum l-attur ma kienx qed jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tad-danni li bl-istess avviż kien qed jitlob li jiġu llikwidati. Din il-kundanna infatti kienet diġà tezisti fis-sentenza tas-7 ta' April, 1994 li laqgħet it-talba kif dedotta liema domanda kienet espliċitament titlob il-kundanna tal-konvenut;

Kif sewwa ssottometta l-appellat:

"dik il-kundanna ma kinitx neċessarja għall-ammont illikwidat ta' Lm120 għaliex diġà hemm kundanna bis-sentenza tas-7 ta' April, 1994, iżda din il-kundanna kienet neċessarjament neċessarja għall-ispejjeż u imgħaxijiet legali mitluba mill-esponent fl-avviż tiegħu korrettement likwidati mis-sentenza appellata "b'effett mis-7 ta' April, 1994" ċjoè mid-data ta' dik is-sentenza li ma llikwidatx id-danni";

Għandu jkun paċifiku illi fl-applikazzjoni tar-rimedju pprovdut taħt l-artikolu 235, il-Qorti għandha fl-eżerċizzju korrettorju *ab omissa decisione* tiddegreta ukoll dawk l-aspetti *konsegwenzjali għat-talba li ma tkunx ġiet deċiża minnha bħal* ma huma spejjeż u imgħaxijiet. Dana biex ir-rimedju proċedurali jkun wieħed sħiħ u mhux monk;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u ż-żewġ sentenzi appellati kkonfermati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.